# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

## IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.

**Seduta tat-22 ta' Marzu 2002**

**Citazzjoni numru 255/01GC**

**S.V.S. Limited**

**vs**

**Ahmed El Nagiah ezercenti l-kummerc bl-azjenda AEN Trading u martu Emanuel El Nagiah ghal kull interess li jista' jkollha**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici ppremettiet:-

Illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' tmint'elef u mitejn lira Maltija (Lm8,200), import ta' sitt kambjalijiet skaduti, debitament accetti u mhux onorati, kopja vera ta' l-original hawn annessi u mmarkati Dok.1 sa 6;

Illi minkejja illi l-konvenut gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali (Dok.7) sabiex ihallas, baqa' inadempjenti;

Illi dan id-dejn hu cert, likwidu, u esigibbli u, kif jirrizulta mill-affidavit anness Dok. A, fil-fehma tas-socjeta' attrici il-konvenut m'ghandux eccezzjonijet validi x'jopponi kontra t-talbiet attrici;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-Artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12);

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmint'elef lira Maltija (Lm8,200) dovuta kif fuq espost;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid, tal-Mandat ta' Sekwestru, prezentati kontestwalment kif ukoll ta' l-ittra ufficjali datata 6 ta' April, 2000, u bl-imghaxijiet skond il-ligi mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala;

Il-konvenut gie ngunt in subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit:-

1. Illi preliminarjament in-nullita' tac-citazzjoni stante illi hija nieqsa mill-formalitajiet essenzjali ad validitatem ta' l-istess citazzjoni u cioe' hija nieqsa mid-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur u dana kif rikjest fl-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li taghmel; referenza ghad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 156(3) ta' l-istess Kapitolu;

2. Illi fit-tieni lok, it-talbiet tas-socjeta' attrici huma diretti biss kontra l-konvenut u ghalhekk il-konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Illi fit-tielet lok, il-kambjali mertu tal-kawza huma nieqsa mill-persuna ta' l-accettant jew tad-debitur stante illi l-konvenuti iffirmaw l-istess kambjali "par aval";

4. Illi fir-raba' lok u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-ammont mitlub fic-citazzjoni ma huwiex dovut u dana stante illi l-konvenuti diga' ghamlu diversi pagamenti;

5. Illi finalment, il-merkanzija ikkonsenjata ma kinitx tal-kwalita' pattwita u ghalhekk ghandha ssir rifuzjoni ta' parti mill-prezz u cioe' mill-ammont dovut minhabba dan il-fatt. Il-konvenuti sofrew telf fil-qliegh taghhom minhabba f'dan;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Lulju 2001;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenuti;

Rat in-nota responsiva tas-socjeta attrici;

Ikkonsidrat:

Bil-presenti qed tigi deciza biss ir-raba eccezzjoni tal-konvenuti u dana ai termini tal-imsemmi verbal tas-seduta tad-9 ta' Lulju 2001. B'din l-eccezzjoni l-konvenuti qed jallegaw li l-ammont mitlub fic-citazzjoni mhux dovut, stante li l-konvenuti ghamlu diversi pagamenti;

Dak li gie allegat mill-konvenuti f'din l-eccezzjoni ma giex sufficjentement ippruvat;

Jirrizulta li fid-29 ta' Awissu 1994 gie ffirmat ftehim bejn il-partijiet li bih il-konvenut gie mghoti d-drittijiet esklusivi sabiex ibiegh fis-suq lokali prodotti tas-socjeta' attrici cioe detergenti. Jirrizulta li l-konvenut gieli kien jinghata zmien biex ihallas u gieli kien ihallas mal-konsenja jew ftit granet wara. Jirrizulta li l-kont tela' mhux hazin u in effett il-konvenut accetta li jiffirma il-kambjali in kwestjoni u dana ghar-rigward tal-imsemmija ammonti li kienu ghadhom dovuti minnu;

Il-konvenut jallega li ghamel diversi pagamenti, li ma ttiehdux in konsiderazzjoni mis-socjeta attrici, u ghalhekk l-ammont li qed jintalab mhux dovut. Fil-fatt jirrizulta li anke wara li gew iffirmati l-kambjali in kwestjoni, l-kovenut baqa jiehu prodotti minnghand is-socjeta attrici. Ghalhekk jirrizulta li l-istess konvenut oltre l-import tal-kambjali in kwestjoni kellu jghati ammonti ulterjuri. In effett il-konvenut naqas li jipprova b'mod sufficjenti li hemm xi zbalji fil-prospett presentat mis-socjeta attrici u naqas li jipprova li hu ghamel xi pagamenti ghar-rigward tal-import tal-kambjali in kwestjoni. Inoltre jista jkun li xi hlasijiet saru ghar-rigward ta' transazzjonijiet li ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-istess kambjali. Hawnhekk si tratta ta' kambjali li ghadhom fil-pussess tas-socjeta attrici u dan fih innifsu hu indikattiv li l-istess kambjali ghadhom mhux imhallsa. Ma jirrizultax li l-konvenut ghamel xi azzjoni biex jigu ritornati lilu dawk il-kambjali li skond hu huma mhallsa;

In vista ta' dan kollu l-eccezzjoni in kwestjoni ghandha tigi michuda;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad ir-raba eccezzjoni tal-konvenuti u tiddifferixxi l-kawza ghal kontinwazzjoni ghas-seduta tal-

Spejjez riservati ghal gudizzju finali.